3) Ladarba, meta l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru ta' importazzjoni jkunu għamlu talba għal verifika skont l-Artikolu 32(2) tal-Protokol Nru 4 għall-Ftehim ta' assoċjazzjoni KE-Iżrael, l-awtoritajiet Iżreljani jikkonfermaw (biss) li l-prodotti kkonċernati nkisbu f'territorju taħt ġurisdizzjoni doganali Iżraeljana, u għaldaqstant huma prodotti ta' oriġini Iżraeljana, u fin-nuqqas ta' tweġiba mill-awtoritajiet Iżraeljani għat-talba ta' preċiżazzjonijiet magħmula ulterjorment mill-awtorjtajiet doganali tal-Istat ta' importazzjoni, dawn l-awtoritajiet huma, minħabba dan is-sempliċi fatt, awtorizzati sabiex jirrifjutaw mingħajr raġunijiet ulterjuri l-benefiċċju tat-trattament preferenzjali, u b'mod partikolari mingħajr ma tkun importanti wkoll f'dan ir-rigward l-oriġini reali tal-merkanzija?

Fil-każ ta' risposta negattiva għat-tielet domanda:

4) L-awtoritajiet doganali huma awtorizzati sabiex jirrifjutaw mingħajr raġunijiet ulterjuri l-benefiċċju ta' trattament preferenzjali skont il-Ftehim ta' assoċjazzjoni KE-Iżrael minħabba li — hekk kif inhu wara kollox paċifiku — il-merkanzija toriġina mix-Xatt tal-Punent tal-Palestina, jew għandu jingħata t-trattament preferenzjali skont dan il-Ftehim ukoll għall-merkanzija li għandha din l-oriġini, mill-inqas sakemm ma jkunux ittieħdu proċeduri ta' soluzzjoni ta' disputi skont l-Artikolu 33 tal-Protokol Nru 4 tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni KE-Iżrael fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "territorju tal-Istat ta' l-Iżrael" li jinsab f'dan il-ftehim?

(1) ĠU 2000 L 147, p. 3.
(2) ĠU 1997 L 187, p. 3.

## Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Cour Constitutionnelle (il-Belġju) fit-8 ta' Settembru 2008 — Base S.A., Euphony Benelux S.A., Mobistar S.A., Unitet International S.A., T2 Belgium S.A. u KPN Belgium S.A. vs Il-Kunsill tal-Ministri, parti l-oħra Belgacom S.A.

**(Kawża C-389/08)**

(2008/C 285/44)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Cour Constitutionnelle (il-Belġju)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Base S.A., Euphony Benelux S.A., Mobistar S.A., United International S.A., T2 Belgium S.A. u KPN Belgium S.A.

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Ministri

Parti l-oħra: Belgacom S.A.

### Domanda preliminari

L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (1) jista' jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lil-leġistaltur kompetenti ta' Stat Membru, meta jaġixxi fil-kwalità ta' awtorità regolatorja nazzjonali, li jikkonstata, b'mod ġenerali u abbażi ta' stima ta' l-ispejjeż netti tal-fornitur tas-servizz universali, li preċedentement kien l-uniku fornitur, li l-provvista tas-servizz universali tista' tirrappreżenta piż inġust fir-rigward tal-impriżi maħtura bħala fornituri ta' servizz universali?

(1) ĠU L 108, p. 51.

## Rikors ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

**(Kawża C-390/08)**

(2008/C 285/45)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u J.-P. Keppenne, aġenti)

*Konvenut:* Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

### Talbiet tal-parti rikorrenti

— tikkonstata li, billi ma pprovdiex l-informazzjoni rikjesta skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-moniteraġġ [ta]l-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto (1), moqri flimkien mal-Artikoli 8, 9, 10 u 11 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 166/2005/KE, tal-10 ta' Frar 2005, li tistabbilixxi r-regoli ta' implementazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-moniteraġġ tal-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto (2), il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE, moqri flimkien mal-Artikoli 8, 9, 10 u 11 tad-Deċiżjoni Nru 166/2005/KE;

— tikkundanna lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE, moqri flimkien mad-Deċiżjoni Nru 166/2005/KE, l-Istati Membri huma marbuta jikkomunikaw lill-Kummissjoni, mhux iktar tard mill-15 ta' Marzu 2005 u wara kull sentejn, il-miżuri nazzjonali meħuda sabiex jillimitaw u/jew inaqqsu l-emissjonijiet ta' gass serra u sabiex jimplementaw il-Protokoll ta' Kyoto.

Issa, fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, dawn il-miżuri kienu għadhom ma ġewx ikkomunikati mill-konvenut.

---

([1]) ĠU L 49, p. 1.
([2]) ĠU L 55, p. 57.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale del Lazio (l-Italja) fil-21 ta' Mejju 2008 — Emanuela Sbarigia vs Azienda USL RM/A, Comune di Roma, Assiprofar — Associazione Sindacale Proprietari Farmacia, u Ordine dei Farmacisti della Provincia di Roma**

**(Kawża C-393/08)**

(2008/C 285/46)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale del Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Emanuela Sbarigia

*Konvenuti:* Azienda USL RM/A, Comune di Roma, Assiprofar — Associazione Sindacale Proprietari Farmacia u Ordine dei Farmacisti della Provincia di Roma

**Domandi preliminari**

1) Il-fatt li jiġu imposti fuq l-ispiżeriji r-restrizzjonijiet [imsemmija iktar 'il fuq…] li jipprovdu li la huma awtorizzati jieħdu vaganza annwali meta jridu u lanqas li jibqgħu miftuħin barra l-limiti ta' ftuħ massimi awtorizzati skont id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq tal-liġi reġjonali ta' Lazio Nru 26/2002, u li, skont l-Artikoli 10(2) ta' dik il-liġi reġjonali, jipprovdu rekwiżit addizzjonali neċessarju ta' evalwazzjoni diskrezzjonarja tal-Amministrazzjoni (li ssir skont il-fteħim mal-korpi u l-organizzazzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu) fir-rigward tan-natura speċjali taż-żona muniċipali fejn jinsabu l-ispiżeriji, sabiex tista' tinkiseb deroga mill-projbizzjonijiet tal-Komun ta' Ruma, huwa kompatibbli mal-prinċipji Komunitarji dwar il-libertà tal-kompetizzjoni u l-libertà tas-servizzi, stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikoli 49 KE, 81 KE, 82 KE, 83 KE, 84 KE, 85 KE and 86 KE?

2) Ir-restrizzjonijiet imposti fuq l-eżerċizzju tas-servizz farmaċewtiku pubbliku, minkejja li għandhom l-għan li jipproteġu s-saħħa tal-konsumaturi, bħal dawk stabbiliti fil-liġi reġjonali Nru 26/2002 li jillimitaw jew jipprekludu l-possibbiltà li jiġu estiżi l-ħinijiet ta' ftuħ awtorizzati f'jum, f'ġimgħa u f'sena għal spiżjari individwali, huma kompatibbli mal-Artikoli 152 u 153 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea?

---

**Appell ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2008 minn Zipar, Inc. mis-sentenza mogħtija mil-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla) fil-25 ta' Ġunju 2008 fil-kawża T-36/07, Zipcar, Inc. vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) (UASI)**

**(Kawża C-394/08 P)**

(2008/C 285/47)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Zipcar, Inc. (rappreżentanti: M. Elmslie, Solicitor, N. Saunders, Barrister)

*Il-partijiet l-oħra fil-kawża:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), Canary Islands Car SL

**Talbiet**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Ġunju 2008 fil-kawża T-36/07 fit-totalità tagħha;

— tibgħat mill-ġdid l-applikazzjoni quddiem l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) (UASI) biex jagħti deċiżjoni;

— tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-appellanti relattivi għal dan l-appell u għar-rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti titlob li s-sentenza kkontestata tiġi annullata għar-raġunijiet li ġejjin:

1) Estensjoni indebita tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Qed jiġi sostnut li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza biddlet is-suġġett tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI u ħadet in kunsiderazzjoni fatti u suġġetti li jmorru lil hinn mill-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kontroversja quddiem l-UASI.